President

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju.

## Mejju 2025
## Prattika Spiritwali

### MATERNITÀ U MARTIRJU.



Kulħadd kien jinfaqa' jidħak meta Patist kien jgħid li llum il-mara saret raġel. Imma kulħadd kien jisserja meta jgħid li l-mara tikkmanda d-dinja minn wara l-kwinti. Il-maternita' u l-paternita' responsabbli huma vokazzjoni mill-aktar nobbli. It-tfal huma l-patt konkret bejn ir-raġel u l-mara, ma nafx hux aktar b'saħħtu mill-wegħda bil-kliem. Kemm il-maternita' kif ukoll il-paternita' għandhom nota qawwija ta' mħabba sagrifikali, irrid ngħid ta' martirju li jiddistingwi ruħu sew kemm mill-immaturita' k i f ukoll mis-superfiċjalita'. Jidher li l-għażla ta' l-abort, tad-divorzju u tal-karriera flok it-tfal, ifieru u jibbanalizzaw il-maternità. F'dan ix-xahar ta' Mejju niċċelebraw Jum l-Omm. Inħarsu lejn Ommna Marija, l-omm li tħobbna tassew għax trid tlaqqagħna ma' Binha Ġesu biex ifejjaqna, idawwalna u jfakkarna li aħna lkoll aħwa u wlied. Naħseb li l-leġjunarji jieħdu sehem minn din il-maternità spiritwali ta' Marija.

**Iddiskuti: 1. Kif inhi jew kif kienet ir-relazzjoni tiegħek ma' ommok ta' din l-art?**
**2. X'inhi dik ix-xewqa li titlob spiss lil Ommna Marija?**

**Dun Karm Gauci**

**Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Mejju**
**Għall-Kondizzjonijiet tajba tax-Xogħol**

Nitolbu sabiex ix-xogħol jagħti sodisfazzjon sħiħ
lil kull persuna, isostni bid-dinjità lill-familji,
ħalli jkollna soċjetà aktar umana.

*Laqgħa ta' tagħlim Sibt 23 ta' Mejju fil 5 p.m, Dar tal-Leġjun*

# *Ħsieb għax-xahar ta' Mejju*



Għall-darb'oħra qegħdin fix-xahar ta' Mejju. Bħal kull sena matul dan ix-xahar li fih tfawwar il-milja tar-Rebbiegħa, niftakru fiż-żewġ ommijiet tagħna. Niftakru fl-omm naturali li tatna l-ħajja u b'hekk niċċelebraw Jum l-Omm. Huwa xieraq li niddedikaw jum fis-sena lil din li b'tant tbatija welditna u flimkien ma'żewġha rabbietna, tatna l-aħjar edukazzjoni u formazzjoni dejjem mimlija bl-akbar imħabba.
Imma fix-xahar ta' Mejju niftakru f'Omm oħra.
Niftakru fl-omm tagħna Marija, l-Omm t'Alla u l-Omm tagħna l-bnedmin. Anke dan huwa sewwa u xieraq li niċċelebrawh bl-akbar imħabba u venerazzjoni meta niftakru f'din il-mara x'għamlet għalina li nemmnu, bħala protagonista flimkien ma' binha Ġesù għas-salvazzjoni tagħna. Niċċelebraw fix-xahar ta' Mejju lill-Madonna bħala Omm l-Umanità filwaqt li nħarsu lejha u nimmitawha fil-virtujiet sbieħ u singulari tagħha.
Ilkoll naqblu li m'hemmx għalfejn jiġi JUM L-OMM sabiex nuru l-imħabba u r-rispett tagħna lejn l-omm naturali li wellditna bħala bnedmin. Dawn jinħtieġ li nuruhom matul is-sena kollha. Daqs hekk ieħor m'hemmx għalfejn jiġi x-xahar ta' Mejju sabiex nuru d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija. Din għandna nuruha matul is-sena kollha, matul ħajjitna kollha. Kuljum aħna msejjħin sabiex fuq kollox infittxu l-virtujiet li kellha din l-omm Qaddisa u fuq kollox nimmitawha.

***Fr Jonathan Debattista***

## Assemblea Eklesjali post-Sinodali



L-aħħar sinodu, bit-tema 'Għall-Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni', kien ġie magħluq f'Ottubru tal-2024. Għalhekk il-Knisja daħlet fil-fażi fejn jiġi imqiegħed fil-prattika dak li ġie diskuss waqt is-Sinodu. Għal dan il-għan se tiġi organiżżata Assemblea Eklesjali li se tiltaqa' fil-Vatikan f'Ottubru tal-2028. Dan ħabbru il-kardinal Mario Grech, li hu is-segretarju ġenerali tas-segretarjat tas-Sinodu. Sa dak iż-żmien il-Knisja madwar id-dinja tkompli tistudja u tiddiskuti dak li ħareġ mis-Sinodu. F'Mejju ta' din is-sena se joħroġ dokument li jispjega kif se jiġu implimentati il-konklużżjonijiet tas-Sinodu, kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew ta' dawk li qed jieħdu sehem attiv f'din il-preparazzjoni.